MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 1867/2003

**Marcus Ferrante**

**vs**

**Christopher Bonnet**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Settembru, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' seba' mija u hamsin lira Maltin (Lm750) rappresentanti flus mislufa lill-konvenut mill-attur u dana kif jirrizulta mill-iskrittura annessa ma'l-avviz u immarkata bhala Dokument A, liema ammont kellu jithallas sa mhux aktar tard mit-12 ta' Settembru 2003.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra legali datata 16 ta' Settembru 2003 u tal-mandat ta' qbid ipprezentat kontestwalment kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota ipprezentata mill-attur fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2004, li permezz taghha huwa ceda is-sorte tal-kawza, izda zamm ferm il-kap ta'l-ispejjez.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta'l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u dana in konnessjoni limitatament mal-kap ta'l-ispejjez. (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba attrici u dana fid-dawl tan-nota ta' cessjoni ipprezentata fis-16 ta' Jannar 2004, jikkundanna l-konvenut ihallas l-ispejjez ta' dina l-kawza u tal-mandat ta' qbid ipprezentata kontestwalment ma'l-avviz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------